

22001D0118(28)

18.1.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 15/55

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 153/1999

tal-5 ta' Novembru 1999

li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 59/1999 tat-30 ta' April 1999 <sup>(1)</sup>.
- (2) D-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/314/KE tad-9 ta' April 1999 dwar il-kwestjonarju li għandu x'jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sostanzi perikolużi <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 23b (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/433/KE) fl-Anness XX għall-Ftehim:

- "23ċ. **399 D 0314:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/314/KE tad-9 ta' April 1999 dwar il-kwestjonarju li għandu x'jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sostanzi perikolużi (ĠU L 120, tat-8.5.1999, p. 43)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/314/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 284, tad-9.11.2000, p. 36.

<sup>(2)</sup> ĠU L 120, tat-8.5.1999, p. 43.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 1999.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

---